

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1019/2008**tas-17 ta' Ottubru 2008****li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-prodotti tal-ikel ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikoli 13(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 jfassal ir-regoli ġenerali għall-operaturi tan-negozju tal-ikel dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel. Operaturi tan-negozju tal-ikel involuti fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ikel wara l-ewwel stadju ta' produzzjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' iġjene ġenerali stipulati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.
- (2) Fir-rigward tal-forniment tal-ilma, il-Kapitolu VII ta' dak l-Anness jistipula li għandu jintuża ilma tajjeb għax-xorb, kull fejn ikun hemm bżonn, biex jiġi żgurat li l-oġġetti tal-ikel ma jiġux kontaminati u li jista' jintuża ilma nadif ma' prodotti tas-sajd sħaħ. Huwa jistipula wkoll li ilma baħar nadif jista' jintuża ma' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ħajjin u li jista' jintuża ilma nadif għall-ħasil minn barra tagħhom.
- (3) L-użu ta' ilma nadif ma' prodotti tas-sajd sħaħ u għall-ħasil minn barra ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ħajjin ma jirrappreżentax riskju għas-saħħa pubblika sakemm ikunu ġew żviluppati u ddaħħlu fis-seħħ proċeduri ta' kontroll ibbażati, partikolarment, fuq il-prinċipji tal-Analiżi tar-Riskju u l-Punt ta' Kontroll Kritiku (HACCP) mill-operaturi tan-negozju tal-

ikel biex jiġi żgurat li dan ma jkunx għajn ta' kontaminazzjoni.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-Kapitolu VII tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, il-punt 1(b) jinbidel b'dan li ġej:

“(b) Ilma nadif jista' jintuża ma' prodotti tas-sajd sħaħ.

Ilma baħar nadif jista' jintuża ma' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ħajjin; ilma nadif jista' jintuża wkoll għal ħasil minn barra.

Meta jintuża ilma nadif, iridu jkunu disponibbli faċilitajiet u proċeduri adegwati għall-forniment tiegħu biex jiġi żgurat li użu ta' dan it-tip ma jkunx għajn ta' kontaminazzjoni għall-oġġetti tal-ikel.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għaxar jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.4.2004 p. 1.